MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 267/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Sapienza**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta’ att ta’ citazzjoni prezentata f’Settembru, 1996) kontra Francis Sapienza talli fi zmien precedenti l-istess citazzjoni u fil-kariga tieghu ma’ *The International Fire and Safety Training School*, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b’risoluzzjoni wahda, bhala *manager* u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 6 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123 (hawn izjed ‘l quddiem imsejjah l-Att) u r-Regola 30 tar-Regoli ta’ l-1972 dwar Tnaqqis ta’ Taxxa (PAYE) (hawn izjed ‘l quddiem imsejha r-Regoli), wara li thallsu emolumneti taxxabbli taht l-Artikolu 7(b) u/jew (e) ta’ l-Att, bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:-

1. naqas li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-Taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 6 ta' l-Att u r-regola 12(1)(a) tar-Regoli, u dan ghall-periodu ta' bejn Ottubru 1994 sa April 1995 u ghar-rigward tas-somma ta' Lm5,600;
2. naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artikolu 6 ta' l-Att u r-regola 12(1)(a) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/i ghall-periodu ta' bejn Ottubru 1994 sa April 1995;
3. naqas li jibghat fiz-zmien preskritt it-*returns* (il-prospett/id-dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formuli P3 skond l-Artkolu 6 tal-Att u r-regola 14 tar-Regoli; u
4. approprija ruhhu, billi dawwar ghalih jew ghal persuna/i ohra s-somma ta' Lm5,600 li huwa zamm taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' *The International Fire and Safety Training School* ta' Hal-Far;

L-ewwel Qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena preskritta fis-subartikolu (9) tal-Artkolu 6 ta' l-Att tordna lill-imputat li jottempera ruhhu mal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2002[1] li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Sapienza hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu komplessivament ghall-multa ta' mitejn lira (Lm200) u multa ta' zewg liri kull gurnata li huwa jibqa' inadempjenti ghall-obbligi tieghu skond l-imsemmi Att;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Francis Sapienza, minnu pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

[1] Il-kopja tas-sentenza a fol. 233 *et seq.* tindika d-data bhala "2 ta' Ottubru, 2002" izda din jidher li hi data zbaljata, kif tajjeb jirrileva l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu – ara a propsitu il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2002, fol. 220, kif ukoll it-talba, verbalment maghmula, ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza a fol. 236.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li hu qatt ma seta jinstab hati ta' approprjazzjoni indebita peress li ma jirrizultawx l-elementi tar-reat. Skond l-appellant hadd qatt ma ghadda xi flus lilu biex dan jghaddihom lill-awtoritajiet kompetenti. It-tieni aggravju hu fis-sens li huwa ma kellux it-tmexxija tal-kumpanija izda kien biss *manager* responsabbli ghall-*marketing* tal-kumpanija. Dejjem skond l-appellant, anke li kieku kellu jinghad li huwa kien responsabbli mit-tmexxija tal-kumpanija, ma giex ippruvat li huwa kkommetta l-azzjonijiet li taghhom huwa gie akkuzat bihom. Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li l-kumpanija kienet fi stat finanzjarju prekarju u ghalhekk hu ma jistax jinzamm responsabbli talli naqas milli jaghmel xi haga li kienet impossibbli ghalih li jaghmilha.

Il-fatti saljenti jistghu jigu, brevement, imfissra hekk: l-appellant kien jokkupa l-kariga ta' direttur tal-Kumpnaija *International Fire and Safety Training School Ltd.* Il-kumpanija giet registrata fil-21 ta' Awissu, 1987 u l-appellant kien wiehed mill-ewwel diretturi taghha. Huwa rrizenja biss fl-20 ta' April, 1995. Ma hemmx dubbju li l-kumpanija kellha diffikultajiet finanzjarji notevoli. Permezz ta' ittra mibghuta mill-Avukat Dott. David Grech ghan-nom ta' l-appellant u datata 31 ta' Mejju, 1995, l-appellant kien informa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li *"due to serious financial difficulties, and in spite of efforts to remedy the situation, the company remains in arrears with provisional tax payments, and there are no immediate funds to pay these."* Fil-periodu bejn Ottubru 1994 sa April 1995 kien hemm is-somma ta' Lm5,600 li kellha titnaqqas bhala taxxa minn dak li kien dovut lill-impjegati, u li kellha tintbghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Din is-somma qatt ma ntbaghtet. L-ahhar pagament li kien sar lid-Dipartiment koncernat kien fis-17 ta' Dicembru, 1994 u kien ikopri l-periodu minn Jannar sa Settembru tal-1994. Diversi impjegati kkonfermaw li fil-periodu inkriminat huma kienu jircievu s-salarju <u>mnaqqas</u>, cioe` minghajr dak li kien

dovut bhala PAYE u kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali (il-“bolla”). L-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri u kkonferma li kien hemm periodu ta’ zmien meta l-kumpanija ma kienitx qeghdha tibghat il-hlas tat-taxxa li titnaqqas mis-salarju ta’ l-impjegati, pero` fisser li dan it-tnaqqis kien wiehed tista’ tghidlu “fittizju”, fis-sens li l-kumpanija kien ikollha flus bizzejjed biex thallas il-pagi *net*, u ghalhekk qatt ma kellha l-flus f’idejha li suppost kellhom jigu mghoddija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-appellant ikkonferma li l-azzjonisti tal-kumpanija kienu qed jivversaw ammonti ta’ flus sabiex il-kumpanija jkollha l-*cash flow* biex tlahhaq ma’ l-obbligi taghha, pero` dan ma kienx jinkludi flus bizzejjed biex ikopru dak li suppost li kellu jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Kwantu ghall-ewwel aggravju ta’ l-appellant, din il-Qorti tosserva li punt identku gie deciz recentement minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmelo sive Karl Bonello*** deciza fil-11 ta’ Frar, 2004. F’dik is-sentenza din il-Qorti, b’referenza ghal sentenza precedenti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. John O’Dea***, qalet hekk:

F’kaz simili ghal dak odjern, u cioe` fil-kaz ***Il-Pulizija v. John D’Dea***, deciz minn din il-Qorti, diversament komposta, fil-11 ta’ Jannar, 1994, din il-Qorti kienet osservat li meta l-persuna responsabbli minn kumpanija taghzel li tibqa’ tiggestixxi l-kumpanija bl-istess numru ta’ impjegati u thallashom il-paga <u>mnaqqsa</u>, hija ma tistax “tuza” l-flus hekk imnaqqsa (jew “iffrankati” mill-punto di vista ta’ minn qed imexxi l-kumpanija) biex bihom tkompli tmexxi l-istess kumpanija (u anke b’hekk forsi tevita li jkollha tillicenzja xi impjegati) flok ma tghaddi dawk il-flus lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Din il-Qorti, in fatti, kienet qalet hekk:

**“L-istampa veru tac-cirkostanzi, pero`, mihiex li effettivament wara li kienet tigi moghtija il-paga lill-impjegati bit-tnaqqis ta’ dak dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni effettivament ma kien jibqa’ xejn – din hija stampa li ikkrea l-imputat stess – l-istampa vera hija li legalment din il-Qorti ghandha thares lejn ic-cirkostanza billi tiehu kull impjegat *singulatim*, u f’kull**

**kaz, la kien hemm flus biex jithallsu l-impjegati l-ohra, jew almenu whud minnhom, il-procedura kellha tkun illi titwarrab il-parti dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni materjalment, u din tithallas lill-Kummissarju. Jekk b'din is-sistema ma kienx hemm bizzejjed biex jithallas kulhadd u biex tkompli ghaddejja s-socjeta` -- ghalkemm din il-Qorti tifhem il-problema u tissimpatizza ma' l-appellant -- is-soluzzjoni ma kienitx dak li ghamel hu** [cioe` li ma jghaddix il-kontribuzzjoni tal-N.I. u tat-taxxa fuq id-dhul] **imma li jiehu mizuri ohra. Is-soluzzjoni certament ma kinitx illi l-qtugh isir taparsi, u dak li suppost gie maqtugh jintuza biex tibqa' ghaddejja l-kumpanija u anke biex jithallsu impjegati ohrajn. Jekk ma kienx hemm biex jithallsu impjegati ohrajn, jew ma kienx hemm bizzejjed biex il-kumpanija tibqa' topera, kif inghad kien hemm soluzzjonijiet ohra. Il-konkluzzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hija illi, kunsidrat kull kaz individwalment, u cioe` kull kaz ta' impjegat individwalment, certament ma jistax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant u cioe` illi kien hemm qtugh imma ma kienx hemm fl-istess hin, ghax ma kienx hemm flus. Il-konkluzzjoni trid tkun li effettivament kien hemm il-qtugh u li dak li nqata' mis-salarju ta' kull impjegat individwalment, flok intuza ghall-iskop li ghalih kien destinat, intuza ghal skop iehor. F'dawn ic-cirkostanzi jiffigura perfettament ir-reat ta' approprjazzjoni indebita…".**

Anke l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, ghamlet referenza ghas-sentenza ***Il-Pulizija v. John O'Dea***. Il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-insenjament f'din is-sentenza tal-1994. Is-salarju ta' impjegat huwa proprjament is-salarju *gross*, u ghalhekk jekk minn x'imkien il-kumpanija kienet qed tircevi flus biex jithallsu s-salarji ta' l-impjegati dak li kellu jsir kien li ghal <u>kull impjegat</u> li jithallas il-paga *net* <u>titwarrab</u> is-somma li kellha tigi rimessa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni – dan kien obbligu naxxenti mill-ligi – u mhux li dak li kellu jigi hekk "imwarrab" jintuza biex jithallas impjegat jew impjegati ohra il-paga *net* taghhom -- anke jekk dan seta' wassal fl-ahhar mill-ahhar biex xi whud mill-impjegati ma

jithallsux jew li jkollhom addirittura jigu licenzjati. S'intendi, kif dejjem inghad, f'cirkostanzi simili fejn dak li jkun ikun agixxa bi skop pozittiv biex forsi ma jillicenzjax nies jew biex il-kumpanija tipprova tirpilja, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Kwantu ghat-tieni aggravju, dan huwa infondat. Mill-provi jirrizulta ampjament li fiz-zmien in kwistjoni l-appellant kien jokkupa l-kariga ta' direttur, u bhala tali kien responsabbli ghat-tnaqqis tat-taxxa relattiva mill-pagi ta' l-impjegati u ghall-hlas ta' dik it-taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u sabiex jintbaghtu l-formoli relattivi. Il-provi jikkonfermaw ukoll li l-appellant kien direttament involut fit-tmexxija tal-kumpanija, u sahansitra kien hemm ukoll okkazjoni meta ghan-nom tal-kumpanija dahal fi ftehim mad-Direttur tas-Sigurta` Socjali sabiex jithallsi l-arretrati tal-bolol. L-impjegati stess tal-kumpanija li xehdu fil-kors tal-proceduri kkonfermaw li l-appellant kien jokkupa l-kariga ta' *general manager* u li huwa kien ukoll jiffirma c-cekkijiet tal-paga ta' l-impjegati. Tant l-appellant kien involut fit-tmexxija tal-kumpanija li baghat ittra, datata 10 ta' April, 1995 (fol. 135 u 136) lil Theo van der Hoek li titratta, fost ohrajn, dwar jekk l-impjegati kollha ghandhomx jinghataw l-avviz tat-terminazzjoni ta' l-impieg taghhom. F'din l-ittra huwa wasal sahansitra biex jaghti parir ta' x'ghandu jsir bl-impjegati. Anke fl-ittra tal-31 ta' Mejju, 1995 mibghuta mill-avukat ta' l-appellant lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni (fol. 26), imkien ma jissemma' li l-appellant ma kienx responsabbli mit-tmexxija tal-kumpanija. Anqas jirrizulta li kien hemm xi impossibilita` assoluta li l-appellant jottempera ruhhu mal-ligi fir-rigward ta' l-obbligi tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni – kuma kien hemm kienu diffikultajiet li, kif gie spejagat aktar 'l fuq, kienu sormontabbli.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------